MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 7/2004/1

**John u Helen konjugi Vella u GV Gozo Developments Limited**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet, L-Avukat Generali, Francis Attard f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' l-imsiefer Anthony Attard u Angiolina Attard[1] u Salvina Pace**

---

[1] Fis-seduta tat-23 ta' April 2012 ir-rikorrent John Vella ddikjara li din l-intimata kienet mietet. Jekk hu hekk mill-atti ma jirrizultax li saret talba ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju jew legittimazzjoni tal-atti. Madankollu dan ma jostakolax l-ghoti tas-sentenza in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 810B tal-Kap. 12.

**Rikors Promotur**.

Permezz ta' rikors prezentat fl-24 ta' Frar 2004 ir-rikorrenti jilmentaw minn ordni li kienet inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 47/99 fl-ismijet **Francis Attard proprio et nomine vs John Vella et**. F'dawk il-proceduri r-rikorrenti kienu gew inibiti milli jidhlu jew jaghmlu xogholijiet f'porzjonijiet art fl-inhawi maghrufa bhala ta' Skarsu, accessibbli minn Triq l-Arcipriet Grech u kif ukoll minn Triq Hamsin, ix-Xewkija, Ghawdex. Ordni li nghatat fit-8 ta' Gunju 1999. Parti mill-art kienet giet esproprijata permezz ta' Dikjarazzjoni tal-President tar-Repubblika ta' Malta pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Ottubru 1999. Permezz ta' rikors prezentat fit-3 ta' April 2003 ir-rikorrenti kienu talbu lill-qorti sabiex:-

*"[…..] tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tat-8 ta' Gunju 1999, limitatament u in kwantu dan id-digriet jolqot l-art fuq deskritta milquta bl-ordni ta' esproprijazzjoni tas-7 ta' Ottubru 1999, u jekk jidhrilha thalli l-mandat ferm u integru in kwantu ghall-kumplament tal-art, dwar liema art l-esponenti m'ghandu ebda pretensjonijiet, la qatt kellu, la qatt dahal u lanqas ghandu l-hsieb li jidhol fiha."*.

F'digriet moghti fl-4 ta' Marzu 2003 il-qorti ordnat:

*"1. a tenur tal-Artikolu 873(4) tal-Kap. 12 tikkundanna lill-intimati John Vella u G.V. Gozo Developments Company Limited sabiex zmien xahar jergghu iqieghdu l-art milquta b'dan il-Mandat fl-istat li kienet fis-sittax (16) ta' April elf disa' mija u disa' u disghin (1999) meta nhareg id-digriet provizorju taghha. Fin-nuqqas tawortizza lill-istess rikorrenti sabiex jaghmlu huma stess dawk ix-xogholijiet kollha rimedjali li jkunu mehtiega, u dana taht id-direzzjoni ta' l-A.I.C. Joseph Mizzi li qed jigi nominat ghal dan il-fini u bi spejjez ta' l-istess intimati;*
*2. tordna illi a kura tar-Registratur ta' din il-Qorti jittiehdu proceduri ghad-disprezz lejn l-awtorita' taghha fil-konfront ta' l-intimat John Vella, f'ismu proprju u bhala direttur tas-socjeta G.V. Gozo Developments Company Limited ghar-ragunijiet indikati b'dan id-digriet;*

*3. tirrizerva li tipprovdi dwar it-talba ta' l-intimati ghar-revoka ta' dan il-Mandat limitatament ghall-parti milquta bl-expropriation order fuq imsemmija, wara li l-art in kwistjoni tkun regghet tqeghdet fl-istat li kienet tinsab fih fis-16 ta' April 1999."*.

Ir-rikors tat-3 ta' April 2003 sar wara li r-rikorrenti ppremettew li kienu nehhew ix-xoghol li kienu ghamlu bi ksur tad-digriet tat-8 ta' Gunju 1999 u li kienu wettqu dak ordnat mill-qorti bid-digriet tal-4 ta' Marzu 2003. Sussegwentement b'digriet tad-9 ta' Jannar 2004 il-qorti ddegretat:

*"Jonqos biss is-servizzi li fil-mori tal-Mandat ta' Inibizzjoni relattiv, lahqu tqieghdu mill-Korporazzjoni pubblici fuq talba ex admissis ta' l-istess rikorrent…. Peress illi dawn is-servizzi gew mghoddija fuq din l-art, wara talba tar-rikorrent stess, meta kien jaf illi ma setghu jsiru ebda xogholijiet fuq l-istess art, terga' tikkonferma d-digriet precedenti taghha fis-sens illi qabel ma l-Qorti tkun tista' tikkunsidra t-talba tar-rikorrent ghar-revoka tal-Mandat safejn jolqot l-art li giet sussegwentement esproprijata mill-Gvern, huwa ghandu jara kif jilhaq tip ta' ftehim ma' l-istess Korporazzjonijiet sabiex jergghu jitnehhew dawn is-servizzi, halli b'hekk ikun jista' tassew jinghad illi l-art de quo regghet tqieghdet fl-istat originali taghha."*.

L-ilment tar-rikorrenti hu li b'din l-ordni l-qorti fixklet lir-rikorrenti fit-tgawdija tal-beni taghhom billi mponiet restrizzjonijiet li ma kienux gustifikabbli fit-tgwadija tal-proprjeta' u l-esercizzju ta' dan id-dritt igib vjolazzjoni tad-dritt ta' proprjeta' kif protett fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li bid-digriet fuq imsemmi l-Qorti vvjolat fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.
2. Tordna lill-intimati jaghtu lir-rikorrenti access shih ghall-proprjeta tieghu.

3. Taghti l-provvedimenti mehtiega.

**Twegiba tal-Kummissarju tal-Artijiet u Avukat Generali (9 ta' Gunju 2004)**.

1. Il-Kummissarju tal-Artijiet m'huwiex legittimu kontradittur ghaliex f'dawn il-proceduri qieghed jigi mpunjat digriet tal-qorti.
2. Ma sehh l-ebda ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Id-digriet tad-9 ta' Jannar 2004 hu gust u ghandu jigi kkonfermat ghaliex kienu r-rikorrenti li bl-agir taghhom kkostringew lill-qorti li taghti dak il-provvediment. Ir-rikorrenti ma jistghux jippretendu li jassumu xi dritt fuq l-art esproprijata qabel ma ssir talba quddiem il-Qorti kompetenti sabiex jitnehha kull impediment ghall-ezercizzju tad-dritt taghhom fuq l-art u dan b'revoka tad-digriet tat-8 ta' Gunju 1999.

**Twegiba tal-intimati l-ohra (9 ta' Gunju 2004)**.

1. L-esponenti qeghdin jikkontestaw it-talba bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.
2. Ir-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji.

3. L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jipprojbixxi l-privazzjoni ta' proprjeta' bla kumpens. Ghalhekk dan il-provvediment ma japplikax ghall-kaz odjern.
4. Il-proceduri ta' esproprijazzjoni ghadhom ma gewx konkluzi. Fil-fatt l-esponenti ghadhom ma rcevewx kumpens.
5. Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri kellha kull jedd li tinsisti li qabel jithassar il-mandat ta' inibizzjoni, jitnehha x-xoghol kollu li kien sar fis-sit in kwistjoni minn terzi li kienu saru fuq talba tar-rikorrenti. Ghalkemm kienu jafu bil-mandat ta' inibizzjoni, ir-rikorrenti ghamlu talba sabiex ighaddu s-servizzi mill-art in kwistjoni. Huma baqghu ghaddejjin bix-xoghol b'disprezz lejn l-Ewwel Qorti. Ghalhekk ghandhom jerfghu r-responsabbilta' ghal dak kollu li ghamlu. Huwa principju fundamentali tal-ordni guridiku taghna li kull min jikkommetti xi htija ghandu fl-

ewwel lok jirripara ghal din il-htija u mhux jigi fl-istat li jibbenifika minnha.

Il-qorti semghet il-provi, rat l-atti kollha li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet. Rat ukoll l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 47/1999 inkluz ir-rikors numru 7/2003 prezentat fit-3 ta' April 2003, u li bih intalab li jithassar id-digriet tat-8 ta' Gunju 1999.

**<u>Fatti</u>**.

Il-fatti relatati mal-esproprju tal-art jirrizulta minn affidavit ta' Margaret Falzon, Assistant Direttur fid-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta' :

i. John Vella kien ghamel talba lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex tigi espropprijata art biex ikun jista' jiftah triq fuq art li kienet skedata ghal dan il-ghan.
ii. Fit-30 ta' Marzu 1999, Vella ghan-nom ta' GV Gozo Developments Limited iffirma kuntratt ta' obbligazzjoni mal-Kummissarju tal-Artijiet, fejn obbliga ruhu li jhallas l-ispejjez kollha ta' l-espropriju.
iii. Fis-7 ta' Ottubru 1999 sar l-espropriju (Avviz numru 734).
iv. Il-Kumpannija GV Gozo Developments talbet permess lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jawtorizzaha tidhol fl-art esproprijata. Permess li nghata b'effett mill-10 ta' Novembru 1999 (Dok. MF8).

Fatti ohra rilevanti ghal kaz huma li:-

i. Fis-16 ta' April 1999 Francis Attard f'ismu u bhala mandatarju ta' l-imsiefer Anthony Attard, Angiolina Attard u Salvina Pace ipprezentaw rikors kontra John Vella u GV Gozo Developments Limited u Carmel Vella sabiex jigu inibiti milli: *"….. personalment jew permezz ta' terzi, tidhlu, taccedu jew taghmlu kwalsiasi xogholijiet ikunu ta' liema natura jkunu f'diversi porzjonijiet ta' art appartenenti lir-rikorrenti fl-inhawi maghrufa bhala Ta Skarsu accessibbli minn Triq l-Arcipriet Grech u kif ukoll minn Triq Hamsin Xewkija Ghawdex."*.

ii. B’digriet moghti fit-8 ta’ Gunju 1999 il-qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti u ordnat il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni.
iii. Minkejja l-mandat ta’ inibizzjoni, John Vella xorta dahal fl-art u ghamel xogholijiet. Mill-atti jirrizulta wkoll li f’xi zmien matul is-sena 2002 minn fuq l-art ghaddew is-servizzi tad-dawl u ilma fuq talba tal-istess Vella.

Hu evidenti li r-rikorrenti hadu l-ligi b’idejhom bi ksur flagranti tal-ordni tal-qorti. Il-problemi li nqalghu kien proprju minhabba l-atteggjament tar-rikorrenti. Minflok talbu r-revoka tal-mandat, qabdu u okkupaw l-art. Ghalkemm kellhom l-awtorizazzjoni mill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jidhlu fl-art u jaghmlu xogholijiet relatati mal-ftuh ta’ triq, xorta kellhom l-obbligu li fl-ewwel lok jitolbu r-revoka tal-mandat ta’ inibizzjoni. B’dan it-tip ta’ atteggjament ir-rikorrenti ghamlu deni lilhom infushom.

**Legittimu Kontradittur (Kummissarju tal-Artijiet)**.

Bla dubju l-Kummissarju tal-Artijiet gie mharrek inutilment. L-ilment tar-rikorrenti hu dwar id-digriet tad-9 ta’ Jannar 2004, cjoe’ l-ordni tal-Qorti. F’dan kollu l-Kummissarju tal-Artijiet ma kellu x’jaqsam xejn. Fil-fatt lanqas kien parti fil-proceduri ta’ mandat ta’ inibizzjoni numru 47/1999.

**Ezawriment tar-rimedji ordinarji**.

M’hemmx dubju li r-rikorrenti kellhom mezzi ordinarji sabiex jimpunjaw id-digriet tad-9 ta’ Jannar 2004 li bih il-qorti ssospendiet l-ghoti ta’ digriet finali dwar it-talba ghar-revoka tad-digriet tat-8 ta’ Gunju 1999 sakemm l-art terga’ titqieghed kollha fl-istat li kienet qabel bdew isiru x-xogholijiet. Ma kien hemm xejn li qieghed icahhad lir-rikorrenti milli jikkontestaw tali digriet f’kawza *ad hoc* ghar-raguni li f’dak l-istadju s-sidien originali ma kellhomx dritt li jibqghu jinsistu li jitnehha x-xoghol li kien sar minn terzi, gialadarba l-art kienet esproprijata u kien ghadda l-perjodu kontemplat mil-ligi qabel il-pussess ighaddi ghand il-Gvern.

**Fil-Meritu**.

Madankollu l-qorti xorta ser tikkunsidra l-ilment tar-rikorrenti fil-meritu. Huma jsostnu li l-ordni tal-qorti kien ifisser tfixkil fit-tgawdija tal-beni taghhom. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:-

i. L-awtorizazzjoni mill-Kummissarju tal-Artijiet kienet inghatat lil GV Gozo Developments Limited u mhux lir-rikorrenti l-ohra.
ii. L-esproprijazzjoni li sehhet bl-Avviz Legali tas-7 ta' Ottubru 1999 ma gabitx fix-xejn il-mandat ta' inibizzjoni numru 47/1999.
iii. Hu minnu li l-esproprijazzjoni kienet tfisser li wara t-terminu kontemplat fil-Kap. 99 (ara Artikolu 12) l-art saret disponibbli lill-Gvern.

L-ilmenti tar-rikorrenti hu bazat fuq:-

(a) **L-Artikolu 1** ta' l-Ewwel Protokoll jipprovdi:-

*"(1) Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law.*
*The preceding provisions shall not, however, in any way impair the right of a State to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties."*.

*"29. The Court recalls that Article 2 (P1-1) guarantees in substance the right of property and comprises three distinct rules. The first, which is expressed in the first sentence of the first paragraph (P1-1) and is of a general nature, lays down the principle of peaceful enjoyment of property. The second, in the second sentence of the same paragraph (P1-1), covers deprivation of possessions and makes it subject to certain conditions. The third, contained in the second paragraph (P1-1), recognises that the Contracting States are entitled to control the use of*

*property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties."* (***Air Canada vs United Kingdom*** (App. Numru 18465/91) deciza fil-5 ta' Mejju 1995 mill-Qorti Ewropea).

Rilevanti li *"[…] these are not distinct rules, since the second and third rules relate to interferences with the peaceful enjoyment of possessions which may be justified in the general interest…… Once it has been established that the applicant has an interest which can be classified as a possession, the general approach of the Strasbourg Court is to consider first whether there has been a deprivation of possessions, followed by considerations of whether there has been a control of the use of possessions, since these are matters specifically dealt with by the article."* (*The European Convention on Human Rights*, Jacobs, White & Ovey (2010) pagni 478-479).

(b) **Artikolu 37** tal-Kostituzzjoni li jipprovdi:-

*"(i) Ebda proprjeta' ta' kull xorta li tkun, ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta' ta' kull xorta li tkun, ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta hemm disposizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist –*

*(a) ghall-hlas ta' kumpens xieraq"*.

Fil-fehma tal-Qorti:-

i. Ir-rikorrenti ma kellix il-pussess tal-art gialadarba kien hemm mandat ta' inibizzjoni fil-konfront taghhom li ma kienx jippermettilhom li jidhlu fl-art u jaghmlu xoghol fiha. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-kawza **Stephen Farrugia vs Richard Farrugia et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Ottubru 1998. Dik il-kawza kienet titratta kawza ta' spoll fir-rigward ta' dar minhabba bdil ta' serratura. Il-qorti kkonkludiet li mal-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex l-attur ma jidholx fil-fond, *"Gie allura b'ordni tal-Qorti ezawtorat minn kull pussess li seta' kellu*

*fuq il-fond. Pussess li ma jergax materjalment jakkwista qabel ikun hemm ordni ohra tal-Qorti li tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni taghha mahrug kontra tieghu. Hu ma jistax allura validament isostni li gie spussessat minn pussess li ma kellux, li gie se mai mehud lilu b'ordni gudizzjarja."*. B'applikazzjoni ta' dan l-insenjament, ifisser li d-dikjarazzjoni mahruga mill-Kummissarju tal-Artijiet fl-10 ta' Novembru 1999 qatt ma seta' kellha l-effett li taghti l-pussess fiziku tal-art lir-rikorrenti.

ii. 'Il fatt li l-Kummissarju tal-Artijiet ta l-permess (ittra datata 10 ta' Novembru 1999) sabiex il-kumpannija tidhol fl-art u biex taghmel ix-xogholijiet mehtiega skond dak dikjarat fl-att notarili tat-30 ta' Marzu 1999 pubblikat min-nutar Dr Vincent Miceli (Dok. MF6) ma jfissirx li l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni spiccaw.

iii. Ir-rikorrenti jargumentaw li *"il-fatt illi kien gie ppubblikat l-att relattiv ghal din l-art u li r-rikorrenti hallas il-valur ta' din l-art certament li jikkwalifika bhala dritt ta' proprjeta' in linea ma' l-interpretazzjoni tal-Qrati taghna kif ukoll dik Ewropea."*[2]. Pero' l-ordni li tat il-qorti ma kellu x'jaqsam xejn mal-kuntratt tat-30 ta' Marzu 1999 (Dok. MF6). Il-hlas ta' Lm7,085 sar lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex tinxtara l-art minghand is-sidien. Wiehed jista' jargumenta li GV Gozo Developments Limited, ladarba hallset dik is-somma flus, kellha l-aspetattiva li tinghata l-permess li tidhol tokkupa l-art. Pero' ghall-qorti din kien *res inter alios acta*. Dan apparti' 'l fatt li bil-kuntratt tat-30 ta' Marzu 1999 GV Gozo Developments Limited ma kenitx inghatat permess sabiex tidhol fl-art. Ghalhekk il-qorti ma taqbilx mar-rikorrent li l-kuntratt tat-30 ta' Marzu 1999 kien jikkwalifika bhala xi *"dritt ta' proprjeta"*.

iv. F'kull kaz id-digriet tad-9 ta' Jannar 2004 kien provvediment provizorju sakemm ir-rikorrenti jwettqu dak li kienet ordnat bid-digriet tal-4 ta' Marzu 2003. Bih il-qorti ma kenitx qeghda ccahhad lir-rikorrenti minn dak li seta' kien jippossjedi.

[2] Nota ta' sottomissjonijiet prezentata fit-23 ta' April 2013.

v. Ir-rikorrenti stess jammettu, f'rikors li kienu pprezentaw fit-3 ta' April 2003, li: *"[…..] kienu dahlu fil-parti espproprijata* ***qabel ma kienet saret it-talba quddiem din il-Qorti sabiex jitnehhew l-effetti tal-mandat*** *in kwantu jolqtu l-istess bicca art espproprijata,……"* (enfazi tal-qorti). Sahansitra waqt is-seduta tat-8 ta' Gunju 1999 meta gie trattat ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni gie ddikjarat hekk: *"Dr Monica Vella*[3] *ghall-intimati tiddikjara illi* ***l-intimati jintrabtu illi ma jaghmlu l-ebda xoghol fil-proprjeta' tar-rikorrenti.***" (enfazi tal-qorti). Hu minnu li f'Ottubru 1999 sehh l-esproprju, madankollu il-proprjeta' xorta baqghet tas-sidien originali. Minkejja l-obbligazzjoni li ntrabtu biha Vella u GV Gozo Developments Limited, xorta ghamlu ta' rashom, u illegalment dahlu fl-art u bdew ix-xoghol biex jiffurmaw it-triq. Konferma ta' dan tirrizulta mill-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru: 47/1999. Atteggjament li mhu xejn ghajr sfida ghall-awtorita' tal-qorti. Kien f'dan l-isfond li fid-digriet moghti fl-4 ta' Marzu 2003 il-qorti, wara rikorsi li saru mis-sidien fid-19 ta' Ottubru 1999, 28 ta' Ottubru 1999, 23 ta' Frar 2000, 14 ta' Gunju 2001, filwaqt li ghamlet riferenza ghall-Artikolu 12(3) tal-Kap. 88 osservat:

*"Madankollu ma jirrizultax illi ta' l-anqas sal-10 ta' Novembru 1999 il-Kummissarju tal-Artijiet kien awtorizza lill-intimati sabiex jidhlu fl-art in kwistjoni (ara Dok. JV 1 a fol. 113 u xhieda ta' Albert Mamo (tal-5 ta' Novembru 1999 a fol. 64) fejn jispjega: 'Jiena dottor Grech jekk jitolbuni li ntihom l-awtorita', jiena nista' intihilhom dik l-awtorita'; s'issa ghadhom ma talbunix dik l-awtorita'; jekk ikun hemm bzonnha intiha, fejn ikun hemm bzonn.'"*.

Mela l-qorti kienet iffacata b'sitwazzjoni fejn persuna hadet il-ligi b'idejha. Fil-fehma tal-qorti wkoll jekk wiehed kellu jargumenta li d-digriet jikkwalifika bhala kontroll ta' uzu ta' possedimenti, dan kien fl-interess generali. Hu d-dmir tal-qorti li tizgura li l-ordnijiet taghha jigu osservati.

[3] Difensur ta' Vella u GV Gozo Developments Limited.

Wara kollox l-ordni li tat il-qorti bid-digriet tal-4 ta' Marzu 2003 ma kien xejn ghajr applikazzjoni ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 873(4) tal-Kap. 12[4]. Meta r-rikorrenti talbu lill-korporazzjonijiet relattivi sabiex fl-art jitqieghdu s-servizzi, minkejja li kien hemm l-ordni tal-qorti, hemm ukoll kienu qeghdin b'mod indirett jiksru l-ordni tal-qorti relatat mal-mandat ta' inibizzjoni. Wiehed jista' forsi ma jaqbilx mal-fatt li l-qorti baqghet tinsisti li jitnehha x-xoghol kollu li sar gialadarba l-art kienet gie espropprijata u kien ghadda t-terminu ta' 14 il-jum kontemplat fl-Artikolu 12 tal-Kap. 88 biex b'hekk l-art kienet disponibbli lill-Gvern. Madankollu hu evidenti li l-qorti ma kenitx lesta li tikkunsidra t-talba tar-rikorrenti qabel titwettaq l-ordni moghtija bid-digriet tal-4 ta' Marzu 2003. F'dak l-istess digriet il-qorti mmotivat id-decizjoni taghha fuq il-principju tar-*rule of law*, fis-sens li *"[….] hadd ma jidher illi jista' jiehu l-ligi f'idejh, qatt ma setghu jaqbdu u jkomplu bix-xogholijiet progettati f'din l-art sakemm ma tkunx giet revokata l-ordni tal-Qorti bl-opportun kontromandat."*[5].

vi. Dwar l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, ir-rikorrenti m'ghamlu l-ebda sottomissjoni fin-nota li pprezentaw fl-24 ta' April 2013. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:-

(a) L-art ma kenitx proprjeta' tar-rikorrenti;
(b) Bid-digriet tad-9 ta' Jannar 2004 ma ttiehdet l-ebda proprjeta', interess jew dritt ta' proprjeta'.

L-ilment tar-rikorrenti bazat fuq dan il-provvediment hu ghal kollox frivolu.

Fl-ahharnett il-qorti ma tistax tonqos milli tosserva li waqt is-seduta tat-23 ta' April 2012 ir-rikorrent iddikjara li:-

---

[4] *"Jekk jigi ppruvat permezz ta' rikors ghas-sodisfazzjon tal-qorti li wara l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni l-persuna inibita agixxiet direttament jew indirettament bi ksur tal-ordni tal-qorti,* ***il-qorti ghandha****, minghajr pregudizzju dwar kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inhareg il-mandat sabiex tirrimedja dak li jkun sar bi ksur tieghu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent biex jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha rimedjali li l-qorti tista' tordnalu jaghmel bi spejjez tal-persuna inibita."* (enfazi tal-qorti).

[5] Digriet tal-4 ta' Marzu 2003.

*“L-art li giet esproprijata u mertu ta’ dawn il-proceduri* ***m’ghadx ghandu interess jghaddi minnha*** *peress li l-access ghall-proprjeta’ tieghu hi llum minn Triq Indri Borg li kien kompla jiffurmaha.”* (enfazi tal-qorti).

Mill-atti hu evidenti li din il-procedura giet intavolata wara d-digriet tad-9 ta’ Jannar 2004 sabiex ir-rikorrenti jipprovaw jizblukkaw is-sitwazzjoni li sabu ruhhom fiha minhabba l-agir taghhom u jkunu jistghu jidhlu fl-art milquta mill-esproprijazzjoni. Tant dan hu minnu li r-rikorrenti qeghdin jitolbu sabiex il-qorti: *“2. Tordna lil-intimati jaghtu lir-rikorrent access shih ghall-proprjeta tieghu.”*. Hu evidenti li fil-kors tal-proceduri r-rikorrenti sabu rimedju iehor. Tant hu hekk li mill-atti jirrizulta kif mill-25 ta’ Gunju 2004 (data tal-ewwel smiegh tar-rikors) sas-27 ta’ Ottubru 2009, ma sar xejn. Mill-verbali jirrizulta li li l-qorit kienet qeghda tigi nfurmata li l-partijiet kienu qeghdin jipprovaw jittransigu. Fil-fehma tal-qorti min ikollu nteress genwin mhux ser ihalli dawn is-snin kollha u jibqa’ passiv fil-proceduri li hu stess ikun ippropona.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi r-rikors billi:-**

**1. Tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**
**2. Tilqa’ l-eccezzjoni li r-rikorrenti naqsu milli jezawrixxu r-rimedji ordinarji.**
**3. F’kull kaz fil-meritu tichad it-talbiet tar-rikorrenti.**

**Spejjez a karigu tar-rikorrenti**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------